# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 14**

**Avviz numru 254/00/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Arandvee Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz datat 3 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u hames liri u hamsa u hamsin centezmu (LM505.55,0) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 801039 (numru tal-klijent 346813) skond kif jirrizulta mill-anness Dok. A liema servizz gie**

**stallat fil-fond Saint Edward Street, Paola u dana skond ma kif jidher mill-anness  Dok. B u C;**

**2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Marzu, 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Peress illi s-socjeta' attrici kellha diversi opportunitajiet biex tinnotifika lis-socjeta' konvenuta u baqghet inadempjenti ghal diversi xhur, il-Qorti tqies li dan hu ekwivalenti ghal nuqqas ta' interess fil-kontinwazzjoni tal-kawza u stante li mhix pruvata tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**